MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru 28/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**David Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 28 tas-sena 2011 kontra l-akkużat David Gatt, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija rċevew rapport dwar tfalja li mid-dehra tagħha setgħet kienet mejta u li kienet mixħuta f'post jismu Ras il-Ġebel fil-Limiti tal-Mġarr. Dan filfatt ġie ikkonfermat mill-membri tal-korp tal-pulizija u waqt l-investigazzjonijiet u l-eżamijiet u l-interventi mediċi u tossikoloġiċi sussegwenti li seħħew *a tempo vergine*, din it-tfajla ġiet identifikata bħala Rachel Bowdler ta' 17- il sena u li l-kaġun tal-mewt tagħha kien *pulmonary oedema* kkawżata minħabba *overdose* tad-droga herojina. Illi ġie stabbilit ukoll li din it-tfajla kienet mietet f'appartament

ġewwa San Pawl il-Baħar fejn ir- residenti ta’ dan l-appartament senjatament Jason u Carmela sive Connie Decelis kienu ddisponew mill-vittma meta irrealizzaw li l-vittma in kwistjoni ma kinitx qed tirrispondi għall-assistenża li kienu qed jippruvaw jagħtuha u dehret li setgħet mietet u dan għamluh sabiex jevitaw inkwiet mal-pulizija. Filfaft ittieħdu l-passi relattivi quddiem il-Qrati tagħna kontra dawn il-persuni fejn instabu ħatja ta’ qtil volontarju u preżenzjalment qegħdin jiskontaw piena ta’ priġunerija effettiva sabiex iħallsu ta’ għemilhom.

Illi rriżulta li wara li s-sinjuri Deċelis ġew ikkundannati għall-involviment tagħhom fir-reat hawn fuq imsemmi fl-istadju tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), kemm Jason u Connie Decelis ħassew il-ħtieġa li jagħtu informazzjoni lill-pulizija fejn preċiżament fil-31 ta’ Ottubru 2008 dawn ġew mitkellma u stqarrew li David Gatt qua l-akkużat f’dawn il-proċeduri kienet il-persuna li kienet biegħet id-doża tad-droga herojina li kienet effettivament qatlet lid-defunta Rachel Bowdler, fejn l-akkużat dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew li jqegħdilha ħajitha f’periklu ċar, pprepara din id-doża qerridija għall-istess vittma. Irriżulta wkoll li meta l-vittma dehret li kienet qed tbati mill-konsegwenżi ta’ din id-droga, l-istess David Gatt kien ta struzzjonijiet b’theddid lis-sinjuri Decelis sabiex ma jċemplux lill-ambulanża u meta dehret li kienet mietet, hu kien qalilhom ukoll kif u fejn għandhom jiddisponu mill-kadavru tagħha.

Illi b’għemilu l-imsemmi David Gatt sar ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioe’ talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Illi b’sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Gatt datata s- 17 ta’ Gunju ta’ s-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) l-imsemmi akkuzat instab hati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, recidiv f’ delitt, ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioe’ talli, dolożament, bil-ħsieb li

joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il- ħabs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi wara l- informazzjoni li ġiet mgħoddija lill-pulizija kif imsemmi fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), irriżulta minn dak li stqarru Jason u Connie Decelis li fl-istess perijodu li seħħ l-inċident konċernanti Rachel Bowdler u ċioe bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001) l-akkużat David Gatt kien forna u biegħ id-droga qerridija ta' herojina lil Rachel Bowdler u kien forna u biegħ droga simili lil Jason Decelis. Jirriżulta li Jason Decelis kellu l-vizzju tad-droga kif ikkonferma hu stess mal-pulizija u l-akkużat kien ilu jipprovdilu din is-sustanza llegali għal madwar sena qabel ma sfat mejta l-imsemmija Rachel Bowdler. B'hekk irriżulta illi l-akkużat volontarjament u xjentement kellu fil-pussess tiegħu din id-droga li indubjament kienet intenzjonata għal persuni oħrajn u li filfatt ġiet effettivament ittraffikata mill-akkużat għal skopijiet ta' lukru. Illi d-droga herojina hija kkunsidrata bħala droga illegali u perikoluża skont il-liġi tagħna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi David Gatt sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew uża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta'

l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija (herojina), u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Gatt datata s- 17 ta' Gunju ta' s-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, recidiv f' delitt ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il- Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġu kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A),

22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużi.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi wara l- informazzjoni li ġiet mgħoddija lil pulizija kif imsemmi fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), irriżulta minn dak li stqarru Jason u Connie Decelis li fl-istess perijodu li seħħ l-inċident konċernanti Rachel Bowdler u ċioe bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed l-akkużat David Gatt kien forna u biegħ id-droga qerridija ta' herojina lil Rachel Bowdler u kien forna u biegħ droga simili lil Jason Decelis. Irriżulta wkoll li apparti mid-droga herojina Jason Decelis kien anki jagħmel użu minn u filfatt akkwista d-droga kokajina mill-akkużat, liema sustanza hija wkoll waħda illegali u titqies bħala droga perikoluża skont il-liġijiet tagħna. Jirriżulta li Jason Decelis kellu l-vizzju tad-droga kif ikkonferma hu stess mal-pulizija u l-akkużat kien ilu jipprovdilu s- sustanza llegali tal-kokajina għal madwar sena qabel ma sfat mejta l- imsemmija Rachel Bowdler. B'hekk irriżulta illi l-akkużat volontarjament u xjentement kellu fil-pussess tiegħu din id-droga li indubbjament kienet intenzjonata għal persuni oħrajn u li filfatt ġiet effettivament ittraffikata mill-akkużat għal skopijiet ta' lukru. Illi d-droga kokajina hija kkunisdrata bħala droga illegali u perikoluża skond il-liġi tagħna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi David Gatt sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-

droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija (kokajina), u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura id-droga msemmija, u miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Gatt datata s- 17 ta' Gunju ta' s-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, recidiv f' delitt ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il- Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġu kkundannat għall-piena ta'

għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta’ 1939) u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmija akkużati.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat David Gatt, tas-27 ta’ Jannar, 2014, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih fl-ambitu tan-Nota li ġiet ippreżentata kontestwalment mir-rikorrent Avukat Generali, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta’ priġunerija effettiva għal perjodu ta’ erba` (4) snin u tliet (3) xhur u dan oltre s-sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluża l-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat.

Rat ukoll li fis-seduta ta’ llum 3 ta’ Frar 2014 il-partijiet qablu li fl-eventwalita’ li l-Qorti timponi multa bħala piena b’żieda mal-piena diġa’ maqbula mill-partijiet indikata bin-nota konġuntiva li saret referenza għaliha fil-paragrafu preċedenti, tali multa għandha tkun fil-minimum tagħha u ċioe’ €2329.37.

**Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta’ Jannar 2014, li permezz tagħha, in vista tal-possibilita’ ta’ ammissjoni da parti tal-akkużat ai termini tal-Rikors**

**konġuntiv li kien ippreżentat kontestwalment man-Nota ddikjara li:**

**1. Dwar l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, kemm-il darba l-akkużat jirreġistra ammissjoni taħt l-artikolu 225(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia ta' reat ta' omiċidju involontarju, l-Avukat Ġenerali, tenut kont tal-fattispecie u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jaċċetta din l-ammissjoni bħala altrnattiva għal dan l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, ossia r-reat ta' omiċidju volontarju;**

**2. Dwar it-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att al-Akkuża, l-Avukat Ġenerali jżomm ferm mal-istess Kapi.**

Rat illi waqt is-seduta tal-jum tat-3 ta' Frar 2014, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tas-27 ta' Jannar, 2014, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reat taħt l-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali skont l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għar-reat taht l-artikolu 211(1)(2) fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati David Gatt, ħati talli:

1. fit-13 ta' Mejju, 2001 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Rachel Bowdler u dan skont l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża kif emendat bin-Nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Jannar 2014;
2. bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, 2001, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr

ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, 2001, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset li fil-piena li dwarha qablu l-partijiet trid tingħata konsiderazzjoni għal dak li jgħidu:

l-artikolu 27 tal-Kap 9:

'Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sari r-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi';
u
l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni:
ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.

Din il-konsiderazzjoni trid issir minħabba li l-piena li kienet ikkontemplata fl-artikolu 225(1) tal-Kap 9 fi żmien l-allegat reat kienet aktar baxxa mill-piena kif mibdula bl-Att Numru III tas-sena 2009 artikolu 39.

Trid tingħata wkoll konsiderazzjoni għall-bdil li sar fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

Il-Qorti, wara li kkunsidrat l-artikolu 453A(2) tal-Kap 9, u wara li qieset l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap u l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9, tqis li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża kemm dwar il-priġunerija kif ukoll dwar l-ammont tal-multa hija fil-parametri tal-Liġi.

**Għalhekk din il-Qorti, wara li kkunsidrat (i) l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża kif ukoll (ii) kif kienet il-piena fl-artikolu 225(1) tal-Kap 9 <u>fiż-żmien</u> <u>tar-reat</u> qabel din kienet emendata permezz tal-Att III tas-sena 2002 u wara li rat l-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A),22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u l-artikoli 225(1), 17(b), 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati David Gatt għall-piena ta' erba` (4) snin u tliet (3) xhur priġunerija flimkien ma' l- hlas ta' multa ta'**

**€2329.37 liema multa, jekk ma titħallasx fi żmien ħmistax-il jum mil-lum tkun konvertita skont il-Liġi.**

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------